

*1939 - 2009*

# Is-70 Anniversarju tal-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija –

## *L-Agħar perjodu tal-istorja tal-Isla*

**Minn James Farrugia B.A. (Hons) M.Dip**

Din is-sena jaħbat anniversarju traġiku għad-dinja inġenerali, is-sebgħin anniversarju mill-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija. Kienet gwerra li ħalliet qirda u devastazzjoni kullimkien inkluża Malta u b'mod speċjali fl-Isla. It-Tieni Gwerra faqqgħet fit-3 ta' Settembru 1939 wara li l-qawwiet Nażisti invadew il-Polonja fl-1 ta' Settembru tal-istess sena. Għalina s-Sengleani ma setgħetx tiġi fi żmien agħar, ġimgħa qabel il-festa ta' Marija Bambina.

### X'wassal għat-Tieni Gwerra

Wieħed jista' jgħid li t-Tieni Gwerra faqqgħet primarjament b'konsegwenza tal-Ewwel waħda li ġiet fi tmiemha fl-1918. Il-Kaġun prinċipali kien it-Trattat ta' Versailles tal-1919, l-umiljazzjoni tal-Ġermanja u t-Twaqqif ta' L-Lega (Għaqda) tan-Nazzjonijiet li fl-aħħar mill-aħħar irriżultat fallimentari għal bosta raġunijiet. Il-Ġermanja ingħatat il-ħtija prinċipali għal ħsara u d-devastazzjoni li ġabet magħha l-Ewwel Gwerra u għalhekk sofriet bosta konsegwenzi bħal teħid ta' territorju li kien tagħha, ħlas ta' flejjes kbar f'riparazzjonijiet li spiċċa kompla falla lil Ġermanja, id-diżarm kważi totali tagħha, u fl-aħħar iżda m'hux l-inqas, l-esklużjoni tal-Ġermanja mill-Lega tan–Nazzjonijiet li kienet għada kif ġiet imwaqqfa fuq proposta tal- President Amerikan ta' dak iż-żmien, Woodrow Wilson. L-Iżviluppi fil- famużi 20 sena bejn gwerra u oħra, (l-Għoxrinijiet u t-Tletinjiet) komplew qarbu l-Ewropa u sussegwentement id-dinja lejn preċipizzju iehor. Kellna ir-Rivoluzzjoni Bolxevita fir-Russja, il- qawmien tad- Dittaturi Mussolini u Hitler (f'din l-ordni) fl-Italja u fil-Ġermanja, dan kollu taħt għajnejn il-Lega tan-Nazzjonijiet. Fis-Snin tletin kellna nistgħu ngħidu il-preludju għall-Gwerra. Kellna l-falliment totali tal-Lega tan-Nazzjonijiet li kienet inkapaċi li żżomm lil Hitler milli jerġa' jarma militarment u jieħu artijiet li sostna li kienu Ġermaniżi u li kienu ttieħdu bit-Trattat ta' Versailles. M'għandniex xi ngħidu d-Duce, Benito Mussolini ma qagħadx lura u invada L-Abbisinja (L-Etjopja ta' llum) fl-1935. Dan wassal lil Lega tan-Nazzjonijiet sabiex tieħu sanzjonijiet ekonomiċi kontra l-Italja faxxista. Dan kien żball fatali għax kompla qarreb lil Mussolini lejn Hitler b'konsegwenzi traġiċi għal Malta ukoll eventwalment. Iż-Żewg dittaturi ipparteċipaw flimkien fil-Gwerra Ċivili Spanjola bejn l-1936 u l-1939, fejn għenu lill-Ġeneral Franco. Din kienet nistgħu ngħidu '*dress rehearsal*' għat-Tieni Gwerra. Sadanittant Hitler laħaq ħa taħt idejh, l-Awstrija, is-Sudetenland (parti miċ-Ċekoslovakkja) u sussegwentement iċ-Ċekoslovakkja kollha wara l-ftehim ta' Munich fl-1938, fejn Hitler kien wiegħed lill-Prim Ministru Ingliż ta' dak iż-żmien, Neville Chamberlain, li issa ma kienx għad baqalgħu pretensjonijiet oħra, biċ-Ċekoslovakkja kellha tkun l-aħħar żieda mar-Reich.



**Truppi Nażisti jaqsmu l-fruntiera Pollakka fl-1 ta' Settembru 1939.**



Iż-Żewġ dittaturi flimkien f'ritratt meħud qabel il-Gwerra.



Neville Chamberlain jirritorna minn Munich fl-1938, ixejjer karta iffirmata minn Hitler u Mussolini, li biha ħaseb li iggarantixxa l-Paċi dejjiema.

Chamberlain ħaseb li kien irnexxilu jissalvagwardja l-paċi fl-Ewropa. Iżda għarralu għax Hitler invada l-Polonja f'Settembru 1939. B'hekk faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija.

## 1940- Id-Dħul tal-Italja fil-Gwerra

Malli faqqgħet il-Gwerra, l-Italja għall-ewwel baqgħet spettatur. Iżda kulhadd kien jaf li kienet biss kwistjoni ta' meta Mussolini kien se jiddeċiedi li jidħol ma l-Allejat tiegħu tal-Forzi tal-Assi, Hitler. Il-waqgħa ta' Franza li kienet imminenti lejn nofs l-1940 u l-mixja rapida tal-Wehrmacht, l-Armata Nażista, bil-għajnuna tal-Luftwaffe, il-qawwa tal-ajru Ġermaniża, li ħakmu tista' tgħid l-Ewropa kollha tal-Punent, ikkonvinċa lil Mussolini sabiex jidħol fil-Gwerra. Skond id-Duce, il-gwerra ma kelliex iddum u l-Italja jekk ma tintervjeniex kienet se tibqa' b'xiber imnieħer. Bis-saħħa tal-Patt tal-Azzar li ġie ffirmat bejn il-Ministri tal-Affarijiet Barranin taż-żewg pajjizi, il-Konti Galeazzo Ciano għall-Italja Faxxista u Joachim von Ribbentrop għall-Ġermanja Nażista, fit-22 ta' Mejju 1939, kien rabat id-destin taż-żewġ dittaturi flimkien. Fl-10 ta' Ġunju 1940, id-Duce Benito Mussolini sammar il-musmar tat-tebut tar-reġim tiegħu, meta iddikjara gwerra lil Franza u l-Ingilterra, bil-famuż diskors minn Pjazza Venezja, f'Ruma. Id-dħul tal-Italja fil-gwerra fisser li Malta, li kienet taħt l-Ingliżi, spiċċat involuta direttament. Mill-Għada 11 ta' Ġunju 1940, kellna l-ewwel bumbardamenti mill-qawwa tal-Ajru Taljana fuq pajjiżna. L-ewwel xhur ta' bumbardamenti nistgħu ngħidu li ma ħallewx l-effett mixtieq għat-Taljani. L-iżvolta katastrofika għal pajjiżna u speċjalment għall-Isla, ġiet mal-wasla tal-Aircraft Carrier HMS Illustrious f'Jannar 1941. Din ġabet magħha il-qilla tal-attakki mill-ajru tal-Luftwaffe, il-qawwa tal-ajru Ġermaniża li kienet aktar qalila minn dik Taljana.



Mussolini jħabbar id-dħul tal-Italja Faxxista fil-gwerra ġewwa Pjazza Venezja f'Ruma, fl-10 ta' Ġunju 1940.

## 1941-42 – L-effetti tal-Bumbardamenti Ġermaniżi Jinħassu fuq l-Isla

Il-Wasla tal-Illustrious u sussegwentement tal-Luftwaffe f'Jannar 1941, wasslu għall-aktar perjodu iswed fl-istorja tal-Isla. Mwiet, tiġrif u eżodu tas-Sengleani ħallew impatt negattiv fuq l-Isla għal ħafna u ħafna snin. Bejn l-1941 u l-1942, l-Isla tilfet ħafna minn uliedha kemm direttament (bl-imwiet) u indirettament (bl-eżodu tas-Sengleani li wara l-gwerra ma reġgħux irritornaw). L-Isla spiċċat litteralment devastata, bil-Bażilka ddedikata lil Marija Bambina wkoll



L-Attakk fuq l- HMS Illustrious – Jannar 1941- l-Isla tidher milquta ukoll f'dan l-attakk.



Il-faċċata tal-Bażilka ta' Marija Bambina ġewwa l-Isla wara l-attakk fuq l-HMS Illustrious – Jannar 1941.



Triq il-Vitorja ġewwa l-Isla fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.



Iż-żjara tar-Re Ġorġ VI fl-Isla, f'Ġunju 1943.

mġarrfa. Kienu biss minoranza ta' Sengleani li sfidaw il-perikli kollha u baqgħu l-Isla anki matul il-gwerra. Il-bumbardamenti żdiedu bil-kif sal-Konvoj ta' Santa Marija f'Awwissu 1942. Minn hawn il-quddiem il-gwerra f'Malta ħadet xejra oħra il-għaliex l-attakki mill-ajru bdew jonqsu konsiderevolment. Il-Qlubija li wrew is-Sengleani u l-Maltin inġenerali kienet rikonoxxuta mir-Re Ġorġ VI fi żjara li għamel fl-Isla fl-20 ta' Ġunju 1943.

## 1943- Festa li nibqgħu niftakruha

Kif għidna aktar il-fuq, l-attakki mill-ajru naqsu konsiderevolment fl-1943. Il-festa ta' Marija Bambina dik is-sena kellha sinjifikat speċjali il-għaliex waqt il-purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Bambina fost ir-rovini tal-Isla, waslet l-aħbar li l-Italja faxxista kienet ċediet. Dan kien nifs qawwi għal Malta u sinjal li l-kbir kien għadda. Għas-Senglejani din kienet it-tieni darba li l-Madonna ħelsithom mill-periklu ta' Assedju wara dak li kellna fl-1565 mill-Qawwa Torka Ottomana. Id-Data tat-8 ta' Settembru b'hekk kompliet żiedet fis-sinjifikat nazzjonali tagħha.

## Konklużjoni

B'hekk tajna ħarsa ħafifa fuq l-aktar perjodu iswed tas-seklu Għoxrin. Seklu li kien movimentat għall-aħħar b'żewg gwerer dinjin li ħallew effett devastanti fuq id-dinja kollha. Malta u b'mod partikolari l-Isla ma ħelsitiex minn dan id-destin kiefer u sofriet bħall-bqija tal-Ewropa u d- dinja. Sofriet f'termini ta' mwiet u devastazzjoni. Ħafna bini kellu jerġa' jinbena mill-ġdid. Ħaġa waħda baqgħet mhux mittifsa, id-devozzjoni tas-Sengleani lejn Ommhom Marija Bambina. Żgur ma kinetx kumbinazzjoni li kien waqt proprju l-festa tagħha fl-1943 li Malta finalment setgħet tieħu ftit ruħ wara tliet snin kiefrin li ħallew ħafna dieqa fost il-Maltin.

**Bibliografija**

E. Bradford . The Siege of Malta 1940-43, New York 1987

P. A. Bonnici OFM– L-Isla : Vol.3 1991,

D. Thomson . Europe since Napoleon, Penguin 1990

***Riferenzi oħra***

Arkivji tal-Istituto Luce, Ruma

Bundesarchiv- Berlin

Arkivji tal-Gwerra- Londra

Ritratti meħuda ukoll minn websites varji fuq L-Isla fit-Tieni Gwerra.

